MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 116/2003

**Gregory Grech**

**vs**

**Ray Borg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u sebghin lira Maltin (Lm470) dovuti lill-attur bhala hlas ta’ xoghol ta’ injam li sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Il-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont u l-ispejjes ta’ din il-procedura.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.”

Wara li ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu tieghu jigi ppruvat (Art 698(2) u 702  Kap 12 );

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx l-anqas f'dawk is-seduti mizmuma wara d-dekorrenza tat-terminu ghar-risposta cioe' dawk tas-7 ta' Novembru 2003 – f'liema data gew ipprezentati l-kapitoli - u l-anqas dik tallum li fiha l-kapitoli gew moqrija  u dan minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m'ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u ghalhekk jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' LM470 hlas ta' xoghol ta' njam esegwit mill-attur fuq inkariku tal-istess konvenut u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------